Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Saviour Baldacchino]

[Spettur Malcolm Bondin]

vs

-Omissis-

Domenic Fava

Kumpilazzjoni Numru: 710/2018

Illum, tnax (12) ta' Mejju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- u **Domenic Fava** detentur tal-karta tal-identità b'numru 429371M li gew akkuzati talli nhar

l-14 ta' Gunju 2015 ghall-habta ta' 12:25 hrs gewwa "Fair Play", fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar:

1. Bil-hsieb li jikkommettu serq ta' flus, urew dan il-hsieb b'atti esterni billi taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w independent mill-volontà taghhom u li kieku gie esegwit is-serq kien ikun kwalifikat bil-vjolenza u cioè b'uzu ta' arma regulari, bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' Aaron Micallef u Johann Schembri;

2. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Aaron Micallef kontra l-volontà tieghu, liema persuna arrestata mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

3. Talli rrendew rwiehom recedivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gew misjuba hatja permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

Lil Domenic Fava wahdu:

4. Talli ta' armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt, meta kien jaf li kellhom jigu uzati, jew b'xi mod xjentement ghen jew assista lill-awtur fl-atti li bihom id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat;

5. Talli kkommetta l-istess reati li, fil-maggor parti, hemm kontemplat ghalihom piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' Probation li kienet giet imposta fuqu permezz ta' sentenza definittiva datata 18 ta' Ottubru 2013 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr C. Peralta LL.D.) bi ksur ta' Sect. 22 tal-Kap 446.

Lil -Omissis-

**3. -Omissis-**

**4. -Omissis-**

**5.-Omissis-**

**6.-Omisssis-**

**-Omissis-**

**7.-Omissis-**

**8.-Omissis-**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-akkuzati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat li fil-hamsa (5) ta' Novembru 2018 il-Qorti ordnat li ssir is-separazzjoni tal-gudizzju;

Rat li fis-seduta datata l-ewwel (1) t'April 2025 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed **l-Ispettur Saviour Baldacchino** li pprezenta ordni tal-Avukat Generali tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, certifikat tat-twelid tal-akkuzat, fedina penali tal-akkuzat, dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd tal-parir legali tal-akkuzat, stqarrija tal-akkuzat kif ukoll karta tal-identità tal-akkuzat. Jghid li fl-erbatax (14) ta' Gunju 2015 il-Pulizija tal-

Qawra gew infurmati li sar attentat ta' serq gewwa l-hanut "Fair Play" li jinsab fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar u dan fin-nofsiegha ta' waranofsinhar. Jixhed li acceda fuq il-post is-Surgent PS 913 fejn dan kellem lil Aaron Micallef, li sabu bi dmija fuq wiccu, u spjega kif dahal gol-hanut ragel liebes crash helmet u arma f'idejh u pprova jisirqu. Jghid li Aaron Micallef irrezista din it-theddida stante li nduna li l-arma kienet wahda falza. Jixhed li minhabba f'hekk Aaron Micallef sofra griehi ta' natura hafifa liema griehi gew iccertifikati minn tabib mediku. Jghid ukoll li kollegi tieghu marru fuq il-post fejn hadu diversi ritratti tal-post filwaqt li hu kkomunika mal-manager tal-hanut certu Sergio Cappitta sabiex ikun jista' jeleva filmati prezenti fis-sistema tas-CCTV. Izid jghid li eventwalment gie mitkellem certu Matthew Goode li inzerta kien qieghed faccata tal-hanut meta ghaddiet karozza tal-ghamla Fiat u ta' lewn blu. Tali vettura ghaddiet diversi drabi minn quddiem il-hanut. Dan ix-xhud ra persuna liebsa crash helmet tidhol gol-karozza fejn persuna ohra kienet qieghda ssuq, u telqet tigri. Jixhed li dan seta' gie kkonfermat minn diversi filmati minn sistemi ta' CCTV prezenti fil-vicinanzi.

Ikompli jixhed li fis-sittax (16) ta' Gunju 2015 hu rcieva informazzjoni anonima li l-vettura mertu tal-kawza kienet fl-inhawi ta' Bormla u kien ghalhekk hu u l-kollegi tieghu marru hemmhekk fejn eventwalment inzertaw lil din il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU-232 li kienet tghajjat lill-akkuzat Dominic Fava. Jghid li wara iktar investigazzjoni hu mar ir-residenza tal-akkuzat u cioè 112, Triq l-Oratorju, Bormla izda dan ma nstabx hemmhekk. Jixhed li eventwalment ircieva informazzjoni li l-akkuzat kien fil-kumpanija tal-akkuzat -Omissis- u ghalhekk accedew fuq il-post fejn l-akkuzat instab. Jikkonferma li l-akkuzat inghata d-drittijiet tieghu skont il-ligi u gie arrestat flimkien ma' --Omissis-. Jixhed li l-akkuzat kien irrilaxxja stqarrija u dan wara li rrifjuta li jinghata assistenza legali u f'tali stqarrija l-akkuzat ammetta l-involviment tieghu fl-allegata serqa u l-istess ghamel -Omissis- fl-istqarrija tieghu filwaqt li ammetta wkoll ghar-reat tal-pussess tad-droga eroina. Jixhed li saret tfittxija fir-residenza tal-akkuzat Dominic Fava fejn instabu xi oggetti li ntuzaw fl-allegat serqa u cioè crash helmet, skufja tas-suf, arma falza tan-nar kif ukoll flokk blu.

Illi xehed <u>**Aaron Micallef**</u> li jghid li fl-erbatax (14) ta' Gunju 2015 kien qieghed xoghol ghal tnax (12)-il siegha gewwa l-hanut tal-loghob "Fair Play" li jinsab fil-lokalità ta' San Pawl il-Bahar. Jixhed li fil-kwarta ta' waranofsinhar kellu l-klijenti gol-hanut meta dahal persuna mghammda b'crash helmet, pistola f'idejh u jordnalu sabiex ma jiccaqlaqx. Jixhed li stante li l-arma dehret falza hu ma kienx fi stat ta' paniku u beda jiehu s-sitwazzjoni bhala cajta izda dan ir-ragel xorta baqa' jghidlu biex ma jiccaqlaqx. Jixhed li hu gie mbuttat minn din il-persuna u ghalhekk imbuttah lura izda xi hin qala' daqqa f'mohhu u beda hiereg id-demm. Jixhed li din il-persuna harbet mill-post u ghalhekk ma nsteraq xejn. Izid jghid li dak il-hin kien hemm hu u tnejn (2) min-nies li kienu qeghdin jilghabu fuq il-kaxxi tal-loghob tal-istabbiliment inkwistjoni. Jixhed ukoll li dakinhar ma setax jgharaf lill-persuna li dahal gol-hanut izda jiftakar li iktar kmieni fil-gimgha kien gie gol-hanut l-akkuzat Domenic Fava bhala klijent. Jikkonferma li dakinhar li sehh l-allegat reat hu kellu ammont ta' iktar minn elfejn u tliet mitt ewro (€2,300). Izid jghid li wara l-incident hu mar l-isptar u ghadda c-certifikat mediku lill-Pulizija.

Illi xehed <u>PS 914 Ivan Mifsud</u> li jghid li fl-erbatax (14) ta' Gunju 2015 fin-nofsiegha neqsin hamsa ta' waranofsinhar gie infurmat li kien hemm hold up gewwa l-hanut "Fair Play" li jinsab fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar. Kien ghalhekk li hu mar fuq il-post ma' xi kollegi ohrajn u tkellmu ma' Aaron Micallef li stqarr mieghu li hin minnhom meta kien qieghed fuq xoghol meta dahal ragel liebes crash helmet u arma sewda ppuntata lejh li kellha kuperc ahmar fuq quddiem. Jghid li wara li ggieldu bejniethom Aaron Micallef safa vittma ta' griehi f'wiccu u kien ghalhekk li ntbaghat l-isptar Mater Dei fejn gie ccertifikat minn Dr Paul Scarrow li kien qieghed isofri minn griehi ta' natura hafifa. Izid jghid li fuq il-post kellem lil Alpha Vassallo Hayden kif ukoll lil Censina Borg. Jixhed li eventwalment issejhet Inkjesta Magisterjali u acceda fuq il-post l-Ispettur Saviour Baldacchino. Jikkonferma li waqt l-allegat incident ma ttihdux flus mir-registru tal-flus u dan ghaliex Aaron Micallef irrezista lill-agressur.

Illi xehed <u>PS 637 Kevin Manicaro</u> li jghid li hu kien gie nominat sabiex jassisti lill-Ispettur Maurice Curmi fuq xoghol tal-Pulizija fl-erbatax (14) ta' Gunju 2015 fuq allegat attentat ta' serq. Jixhed li

tali xoghol kien jinvolvi fotografija. Jikkonferma li dawn gew esebiti mill-Ispettur Saviour Baldacchino.

Illi xehed l-Ispettur Malcolm Bondin li jghid li fis-sittax (16) ta' Gunju 2015 kien gie infurmat mill-Ispettur Saviour Baldacchino sabiex jassistih fil-konfront ta' -Omissis- peress li wara li wettqu l-arrest fuq attentat ta' serq saret tfittxija gewwa r-residenza tal-akkuzat u ta' -Omissis- instab ammont sostanzjali tad-droga eroina li kienu jappartjenu lil -Omissis-. Jixhed li l-akkuzat Dominic Fava ma kellu l-ebda involviment fis-sustanzi li nstabu.

Illi xehed Sergio Cappitta li jghid li huwa Operations Manager mal-kumpanija Gaming Operations Limited li topera numru ta' hwienet tal-loghob f'Malta li huma licenzjati mal-Malta Gaming Authority. Jixhed li fl-erbatax (14) ta' Gunju 2015 kien daqqlu c-cellulari stante li kien sehh attentat ta' serq gewwa wiehed mill-hwienet tieghu li jinsab gewwa Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar. Jghid li hu acceda go dan il-hanut fejn sab lill-impjegat tieghu Aaron Micallef gewwa ambulanza b'ferita fuq mohhu u bid-demm niezel. Jixhed li Aaron Micallef spjegalu kif kien qieghed xoghol u hin minnhom

dahal ragel liebes crash helmet u talbu l-flus izda hu rrezista. Jixhed li gewwa l-hanut tal-loghob hemm tmien (8) cameras u kien ghalhekk li l-Pulizija saqsewh ghall-filmati li hemm disponibbli. Jikkonferma li l-flus li kien hemm prezenti fil-hanut l-ammont ta' madwar hamest elef ewro (€5,000).

Illi xehed l-Ufficjal tal-Probation Glenn Grixti li jghid li l-akkuzat kellu trobbija difficli stante li trabba minn ommu biss izda l-istess omm ma kinitx ittih importanza. Jikkonferma li l-akkuzat ghandu storja t'abbuz ta' droga bhal kokaina, eroina u kannabis. Jixhed li sakemm kien il-habs sarulu zewg (2) testijiet u t-tnejn li huma rrizultaw fin-negattiv. Ikompli jghid li l-akkuzat kien qieghed jikkopera hafna mieghu meta beda s-supervizjoni tieghu u kellu anke xoghol. Izda minn Frar tas-sena 2015 l-akkuzat naqas milli jattendi ghall-appuntamenti u kien ghalhekk li gie pprezentat denunzja. Jixhed li gie infurmat li meta dahal lura l-habs l-akkuzat wettaq test ghad-drogi u rrizulta fil-pozittiv ghall-kokaina, eroina u kannabis. Ipprezenta Social Inquiry Report immarkat bhala Dok. GG.

Illi xehed **<u>Dr Paul Scarrow</u>** bil-lingwa Ingliza li jiftakar li kien invista lil Aaron Micallef gewwa d-Dipartiment tal-Emergenza fl-Isptar Mater Dei. Jghid li kien invista lill-istess Aaron Micallef fl-erbatax (14) ta' Dicembru 2014. Jikkonferma li l-vittma kellu lacerazzjoni fuq mohhu li kienet tirrekjedi zewg (2) punti u kien tah injezzjoni tat-tetanu. Jikkonferma wkoll li dawn il-feriti huma kklassifikati bhala mhux gravi stante li l-lacerazzjoni kienet fir-regjun tax-xaghar. Ipprezenta certifikat mediku li juri dan immarkat bhala Dok. PS.

Illi xehed **<u>PC 638 Mark Bonello</u>** li jghid li fis-sittax (16) ta' Gunju 2015 kien ircieva informazzjoni minn persuna anonima li rrappurtat li gewwa Triq l-Oratorju, Bormla kien hemm karozza tal-ghamla Fiat Uno ta' lewn blu li allegatament intuzat f'reat ftit tal-granet qabel. Jixhed li din il-vettura ggib in-numru ta' IAU-032 li s-sid taghha huwa l-akkuzat Dominic Fava. Mill-investigazzjoni li wettaq irrizultalu li l-akkuzat jirrisjedi gewwa fond numru disgha (9), Triq Abram Gatt, Bormla flimkien ma' -Omissis-. Jixhed ukoll li meta dahal go dan il-fond hu arresta lill-akkuzat u dan wara li nghata d-drittijiet tieghu. Jghid li l-karozza tal-akkuzat giet issekwestrata.

Illi xehed <u>PC 282 Robert Ebejer</u> li jghid li fl-erbatax (14) ta' Gunju 2015 gie infurmat li kien hemm attentat ta' hold up gewwa l-hanut tal-loghob "Fair Play" li jinsab gewwa San Pawl il-Bahar. Jixhed li wara l-investigazzjonijiet irrizultalhom li f'din is-serqa kien hemm involuta karozza tal-ghamla Fiat Uno ta' lewn blu. Jixhed li mill-filmati li gabru fl-akkwati seta' jinnota li min wettaq l-allegat serqa dahal gol-hanut filwaqt li s-sewwieq baqa' gol-karozza. Jikkonferma li tali vettura nstabet jumejn wara gewwa Bormla u tali vettura kellha n-numru IAU-232 u kienet tghajjat lill-akkuzat Dominic Fava. Jixhed li l-akkuzat kien gie arrestat ftit wara gewwa r-residenza ta' -Omissis-.

Illi xehed <u>Ex-PS 959 Wistin Micallef</u> li jghid li fl-erbatax (14) ta' Gunju 2015 kien gie infurmat li kien hemm attentat ta' serq gewwa l-hanut "Fair Play" li jinsab fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar. Jixhed li hu flimkien ma' kollegi ohra acceda fuq il-post u kellem lil Aaron Micallef li stqarr li kien dahal ragel liebes crash helmet u pponta arma lejh sabiex jehodlu l-flus. Jixhed li Aaron Micallef spicca ggieled ma' dan ir-ragel u sofra griehi. Din il-verzjoni giet ikkorroborata minn zewg (2) nisa li kienu fil-hanut dak il-hin. Jixhed ukoll li kien hemm certu Matthew Goud li infurmah li kien ra

karozza ta' lewn celesti li kienet fil-vicinanzi. Izid jghid li jumejn wara dan l-akkadut l-Ispettur tieghu rcieva informazzjoni li din il-vettura kienet ipparkjata gewwa Triq l-Oratorju, Bormla u fil-fatt din il-vettura instabet hemmhekk bir-registrazzjoni numru IAU-232 u kienet tghajjat lill-akkuzat Dominic Fava. Izid jghid li dahlet informazzjoni li l-akkuzat kien qieghed jirrisjedi ma' -Omissis- li jinsab fi Triq Abram Gatt, Bormla u fil-fatt l-akkuzat instab hemmhekk mill-Ispettur Saviour Baldacchino. Ikompli jghid li iktar tard saret tfittxija fir-residenza tal-imputat u cioè gewwa San Pawl il-Bahar fejn gie elevat crash helmet kif ukoll arma falza.

Illi xehdet **Alpha Hayden** li tghid li f'Gunju tas-sena 2015 kienet gewwa l-hanut "Fair Play" gewwa San Pawl il-Bahar flimkien ma' Censina meta dahal ragel liebes crash helmet jaghti daqqiet ta' ponn lill-impjegat tal-hanut. Tghid li hi hasbitu qieghed jaghmel dan biex jiccajta izda eventwalment xhin rat id-dmija mal-wicc tal-impjegat indunat li din ma kinitx cajta. Tghid li ma tafx jekk kienx qieghed igorr xi haga f'idejh. Tghid li hi gieli kienet tinzerta lill-akkuzat fil-hanut.

Illi xehdet Dr Marisa Cassar li tghid li hi giet nominata minn din il-Qorti kif diversement presjeduta sabiex taghmel analizi tad-DNA fuq l-oggetti li gew mghoddija lilha. Ikkonkludiet li minn dawn l-oggetti profil parzjali biss hareg u kien ghalhekk li mhux possibbli li wiehed jaghmel paragun ma' kampjuni ohra. Tali konkluzjoni giet redatta f'rapport immarkat bhala Dok. MC.

Illi xehed Johann Schembri ghan-nom u inrapprezentanza ta' Game Operations Limited. Jghid li hu huwa d-direttur ta' din is-socjetà u jopera diversi hwienet tal-loghob bl-isem ta' Fair Play. Jixhed li fiz-zmien li sehh l-allegat reat hu kien jopera l-istess kariga u cioè ta' Managing Director. Kien l-erbatax (14) ta' Gunju 2015 meta l-Operations Manager Sergio Capitta kien infurmah li kien hemm attentat ta' serq fl-istabbiliment gewwa San Pawl il-Bahar. Jixhed li hu ta struzzjonijiet lill-haddiema tieghu sabiex jikkoperaw mal-Pulizija inkluz li jigi provdut kwalunkwe filmat mis-sistema CCTV. Jixhed li r-ritratti a fol. 130 *et sequitur* tal-atti processwali huma ritratti mehudin mis-sistema tas-CCTV tal-hanut mertu tal-kawza. Jikkonferma li bhala prassi kuljum ikun hemm minimu ta' tlett elef ewro (€3,000) fir-registru. Izid jghid ukoll li l-impjegat li kien sofra griehi dakinhar tal-allegat reat kien eventwalment waqaf milli

jahdem fil-kumpanija tieghu stante li kien ghadu trawmatizzat mill-esperjenza.

Illi xehed <u>PS 419 Anton Buttigieg</u> li jghid li fl-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena 2015 fin-nofsiegha neqsin hames minuti ta' waranofsinhar hu kien l-Ghassa tal-Qawra meta gie infurmat li gewwa l-hanut "Fair Play" li jinsab fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar kien sehh hold up. Jixhed li hu flimkien ma' kollegi tieghu marru fuq is-sit fejn sabu lil Aaron Micallef b'feriti fuq wiccu li stqarr li waqt li kien qieghed jahdem gewwa l-hanut tal-loghob dahal ragel li pprova jisraq il-flus mill-hanut u dan waqt li kellu f'idejh pistola. Jixhed li Aaron Micallef spjega li hu rnexxielu jimbuttah izda r-ragel tah daqqa lura. Izid jghid li d-deskrizzjoni tar-ragel kienet li kien twil, Malti u kien liebes crash helmet. Jikkonferma li hu sejjah ambulanza u l-vittma ttiehed l-Isptar Mater Dei u gie ezaminat mit-tabib Dr Paul Scarrow fejn gie ccertifikat li kien qieghed isofri minn griehi ta' natura hafifa. Izid jghid li hu informa lill-Ispettur Maurice Curmi li mbaghad informa lill-Magistrat tal-Ghassa Dr Demicoli li fethet Inkjesta Magisterjali u hatret diversi esperti biex jassistuha.

Ikompli jixhed li hu kien kellem lil certu Vassallo li inzertat kienet fil-hanut meta sehh l-allegat reat u spjegat li hi rat ragel liebes crash helmet li hebb ghall-impjegat u mbuttah mal-hajt. Jghid li hi stqarret li l-impjegat ghafas panic button u kien dak il-hin li l-aggressur harab minn fuq il-post filwaqt li l-impjegat kellu d-dmija ma' wiccu. Stqarret mieghu wkoll li fil-hanut kien hemm certu Vincenza Borgli hi wkoll kienet qieghda tilghab il-loghob fil hanut u hi wkoll innutat dan kollu. Izid jghid li eventwalment kellem lil certu Matthew Good li inzerta ra vettura ta' lewn blu b'zewg (2) persuni go fiha li ghaddiet fil-hin li sehh l-allegat reat. Stqarr mieghu li s-sewwieq kien persuna ta' natura rqiqa u saqu fid-direzzjoni tal-Mosta.

Illi xehdet <u>l-Ufficjal ta' Probation Odelsie Vella Bayliss</u> li pprezentat Social Inquiry Report a fol. 279 *et sequitur* tal-atti processwali u dan sabiex tindirizza l-qaghda tal-akkuzat. Tghid li minn mindu l-akkuzat tilef l-impjieg tieghu kif ukoll ir-residenza tieghu hu dahal gewwa Dar Papa Frangisku u anke nqeda bis-servizzi tal-YMCA. Tghid li l-akkuzat dahal ukoll gewwa Dar Patri Leopoldo, Suret il-Bniedem, il-Gzira filwaqt li ghadu jzomm kuntatt maghha. Tghid li

minhabba s-sitwazzjoni difficli tieghu ma kienx possibbli li jsiru testijiet tal-awrina ghal prezenza tad-droga.

Illi rega' xehed <u>l-Ispettur Saviour Baldacchino</u> li pprezenta sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Frankie Sammut vs Dominic Fava datata tmintax (18) ta' Ottubru 2013 immarkat bhala Dok. SBX1.

Illi xehdet <u>Stephania Calafato Testa</u> bhala Assistent Registratur fil-Qrati Kriminali u Tribunali. Tikkonferma li s-sentenza mmarkata bhala Dok. SBX1 datata tmintax (18) t'Ottubru 2013 fl-ismijiet il-Pulizija vs Dominic Fava hija *res judicata* stante li ma hemmx appell minnha.

Illi xehdet <u>l-Ispettur Christina Delia</u> li tghid li hi kellha mandat t'arrest *in vigore* fil-konfront tal-akkuzat Dominic Fava u tikkonferma li rnexxielha ssibu u ghalhekk tressaq quddiem din il-Qorti dakinhar tas-seduta datata sbatax (17) ta' Frar 2025 meta nstab gewwa l-Belt Valletta fit-tmienja u kwart ta' filghodu. Tghid li l-akkuzat kien jaf li ilu ma jidher ghal din il-kawza u kien jaf li

ilu ma jiffirma l-ktieb tal-bail. Ipprezentat kopja tal-ktieb tal-bail immarkat bhala Dok. CD1. Ipprezentat ukoll kopja tas-CCTV mehud mill-hanut Fair Play, Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar datat erbatax ta' Gunju 2015 liema kopja qieghda tigi mmarkata bhala Dok. CD1.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-kaz *de quo* jittratta rigward allegat attentat ta' serq u dan ikkwalifikat bil-vjolenza u l-valur. L-imputat fis-seduta datata l-ewwel (1) ta' April tas-sena 2025 ammetta ghal tali reat u tali ammissjoni giet ikkonfermata pjenament u wara li nghatalu zmien konsiderevoli sabiex jahsibha.

Illi din il-Qorti thoss li ghandha tissottolinea l-gravità tal-akkuzi permezz ta' analizi akuta tad-dispozizzjonijiet li jiggvernaw dawn l-istess akkuzi.

Illi l-Artikolu 262 (1) tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"vjolenza" -*

*a. meta jsir flimkien ma' omicidju, ma' offiza fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omicidju, jew ta' offiza fuq il-persuna jew ta' hsara fil-proprjetà;*

*b. meta l-halliel jipprezenta ruhu armat, jew meta l-hallelin, ghad li ma jkunux armati, jipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn;*

*c. meta wiehed li jkun qieghed jiggerra mal-kampanja, armat b'armi regulari, jew li jkun jaghmel sehem minn gemgha ta' nies migbura flimkien fis-sens tal-artikolu 63, b'talba bil-miktub jew bil-fomm, maghmula minnu nnifsu jew permezz ta' persuna ohra, igieghel li jigu moghtija lilu hwejjeg haddiehor, ghad illi t-talba ssir minghajr ebda theddid."*

Illi l-Artikolu 263 (b) ikompli hekk:

*"meta l-halliel jizbogh wiccu, jew jilbes maskra jew ghata ohra tal-wicc, jew jaghmel xi tibdil iehor fl-ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jaghmel is-serq, jiehu t-titolu jew il-libsa ta' ufficjal civili jew militari, jew jippretendi li ghandu ordni mahrug minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex ighinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-halliel."*

Illi l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula hekk:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94)."*

Illi l-Artikolu 274 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula hekk:

*"Il-hati ta' serq li jsir flimkien ma' offiza fuq il-persuna jehel -*

> *c. jekk l-offiza tkun hafifa, il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sentejn sa hames snin"*

Illi l-Artikolu 277 (a) jghid dan li gej:

*"Meta s-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" skont l-artikoli 274, 275 jew 276, ikun akkumpanjat b'wahda jew izjed mill-kwalifiki l-ohra msemmijin fl-artikolu 261, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel -*

> *b. jekk dan is-serq ikun akkumpanjat bil-kwalifika tal-"mezz", sew jekk ma' kwalifiki ohra kemm minghajrhom, il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A mizjuda bi grad jew tnejn."*

Illi maghdud ma' dan, l-Artikolu 280 (2) jghid hekk:

*"Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"valur", ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", jew bit-tnejn, ghandha tinghata l-piena li hemm ghas-serq akkumpanjat b'dawk il-kwalifiki."*

**Ikkunsidrat**

Illi l-ammissjoni tal-akkuzat giet irregistrata fi stadju ferm avvanzat ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti ghalhekk tosserva li din l-ammissjoni ma tfissirx li l-imputat sejjer jinghata *carte blanche* daqs li kieku qatt ma gara xejn. Il-Qorti terga' ttennni li fl-ahhar mill-ahhar l-akkuzat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u dan ferm sew wara li gie mgharraf bil-konsegwenzi ta' tali akkuzi.

Illi f'dan l-istadju referenza qieghda ssir ghal dak li l-Ufficjal tal-Probation Glen Grixti kkonkluda fir-rapport a fol. 248 tal-atti processwali:

*"L-Ufficjal tal-Probation ihoss li jkun ghaqli li Domenic Fava jinghata l-ghajnuna necessarja sabiex meta jkun qed jghix fil-komunita `, huwa jkun jista' jinghata gwida li tista' tkun ta' ghajnuna biex l-akkuzat jghix hajja stabbli minghajr ma jikkonsma sustanzi."*

Illi din il-konkluzjoni giet ipprezentata fit-tnejn (2) ta' Dicembru 2015. Minkejja dan, nota iktar ricenti pprezentata mill-Ufficjal tal-Probation Odelsie Vella Bayless fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar 2024 tindika dan li gej:

*"Dan l-andament negattiv min-naha tal-imputat jindika li huwa mhuwiex qieghed jonora l-kundizjonijiet abbinati ma' din l-ordni ta' supervizjoni u lanqas juri motivazzjoni sabiex jikseb l-ghajnuna bil-ghan li jtejjeb is-sitwazzjoni ta' hajtu. Il-fatt li qieghed ikun daqshekk difficli ghall-Ufficjal tal-Probation biex taghmel kuntatt mieghu, b'mod partikolari minhabba li m'ghandux residenza fissa, possibbilment jindika li piena ta' sanzjoni komunitarja mhijiex idoneja f'dan l-istadju. Wiehed ta' min ifakkar li sa*

*ftit xhur ilu l-imsemmi nghata l-opportunita` li jibda jirrisjedi gewwa Dar Patri Leopoldi fil-Gzira, u jinghata kwalunkwe tip ta' ghajnuna u sapport, izda huwa spicca tkecca minn hemmhekk wara li kiser numru ta' regoli kardinali."*

Illi ghalhekk stante l-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti sejra tiehu provvediment in linea ma' dak rakkomandat mill-Ufficjal tal-Probation.

**Ikkunsidrat**

Illi ghar-rigward il-piena l-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Din it-teorija giet anke ppronunzjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Bonnici** deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

*"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen*

> *fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra, hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika ... li dan is-servizz pregjevoli ... jigi amplifikat b' gusta mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs George Zammit</u>** deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

> *"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjeta` tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu, bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta' inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjeta` biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta` u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Dean Micallef</u>** deciza fil-11 ta' Lulju 2024 fejn inghad hekk:

> *"Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*
>
> > *"Din il-gurisprudenza ormai ben kristallizzata u accettata in linea ta' principju fil-gurisprudenza taghna, tghallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-kazijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispozizzjonijiet tal-ligi. Dan il-principju kien gie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-kaz Il-Pulizija vs. Joseph Attard moghtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:*

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.""*

*Illi jkun opportun li jigi nnutat li l-piena ma ghandhiex l-iskop ta' tpattija minn naha tas-socjeta' kontra min iwettaq ir-reat izda ghandha l-iskop li teduka u tirriforma lill-hatja ta' reati halli dawn jkunu jistghu jergghu jigu reintegrati fis-socjeta' u b'hekk ikunu ta' kontribut ghas-socjeta'. B'hekk il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino (Numru 243/2019) fejn dwar il-principju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"12. [...] Dan peress li l-gustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*

*(a) Retributtiv;*

*(b) Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.*

*13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza' li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga' jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minhabba l-biza' li tehel*

*il-piena, persuna tigi mgieghla tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz.*

*15. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza' li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma' dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga' jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-ligi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biza' mill-piena minhabba li l-ligi penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita' dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill-kollettivita' milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li*

*tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.*

*16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita' in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."*

…

*Illi mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx ghandha aktar xi tghid ghajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati. Il-Qorti zzid tghid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet wahda legalment u ragonevolment valida, mhux "manifestly excessive" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li taghhom huwa nstab hati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raguni li tista' twassalha sabiex titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha maghmula, liema piena ghalhekk ghandha tibqa' invarjata."*

Illi din il-Qorti sejra taghmel taghha r-ragunament ta' din is-sentenza.

Illi indubjament huwa evidenti li l-imputat odjern kemm-il darba nghata opportunità wara ohra sabiex jibda jirriforma ruhu u dan mis-sena li bdew dawn il-proceduri u cioè 2015. Illi madanakollu jidher illi huwa m'ghandu l-ebda interess li jiehu l-injizjattiva u juri

l-affidabilità tieghu li jista' jkun afdat fis-socjetà. Prova cara ta' dan huwa l-fatt li l-atti processwali huma mimlijin numru kbir ta' differimenti minhabba l-fatt li l-istess akkuzat naqas milli jidher ghas-seduti. Ikun iktar xieraq li s-servizz socjali jintuzaw minn min ghandu l-iktar bzonn u rieda li jinqeda bihom.

Illi ghalhekk hija fl-umli fehma ta' din il-Qorti li piena karcerarja effettiva hija wahda idonea sabiex issehh il-gustizzja u dan anke fid-dawl ta' dak li gie ritenut fin-nota datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar 2024.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261, 262(1) (a)(b), 263 (b), 274 (c), 275, 277 (b) u 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Domenic Fava** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih stante ammissjoni u ghalhekk tikkundannah ghal piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettivi.

In oltrè, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Domenic Fava** jhallas l-ammont ta' elf u tnejn u sittin ewro (€1,062) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**